# L-Imseħbin Tagħna

**Minn meta l-Għaqda tagħna ġiet imwaqqfa fl-1906, fi ħdanha hija dejjem kellha mseħbin, ġejjin minn kull qasam tas-soċjetà Maltija. Kellna ħaddiema ta' l-id u ħaddiema tal-pinna, li l-ħidmiet tagħhom varjaw minn qasam għall-ieħor u li x-xogħol tagħhom kien dejjem ta' siwi. Kemm-il darba tkellimna dwar il-ħila ta' wħud mill-Imseħbin fil-linja tagħhom u dejjem rajna kemm dawn l-Imseħbin tagħna kienu mżejna b'talenti kbar. Għalhekk illum għażilna li nitkellmu ma' msieħeb ieħor tagħna li għandu talenti mill-aqwa fil-qasam artistiku ta' disinjar u skultura u fil-qasam mużikali. Qegħdin nirreferu għal ....**

## RONNIE PISANI



**A.S. – Kif bdiet il-ħajra tiegħek lejn l-arti ta' l-iskultura? Fejn u taħt min tħarriġt f'din il-linja?**

R.P. – Fl-1966 kont bdejt nattendi kors fil-Politeknik li kien immexxi minn Henry Alden u Anton Agius. Wara, jiġifieri fl-1968 ħadt kors fil-pastellina u l-forma tal-ġibs taħt id-direzzjoni ta' l-iskultur Joseph Genuis u fl-1970 ħadt kors ieħor fil-pittura għand is-sorijiet Franġiskani fil-Ħamrun. Fil-qasam ta' l-iskultura fl-irħam kont taħt id-direzzjoni ta' l-iskultur John Spiteri Sacco fil-Ħamrun ukoll.

**A.S. – Nafu li inti għandek diversi xogħlijiet f'Malta u Għawdex u wkoll barra minn Malta. X'tgħidilna dwarhom?**

R.P. – Fl-1978 għamilt l-ewwel One Man Exhibition fil-Mużew ta' l-arti, il-Belt, u kont esibejt 24 biċċa xogħol fl-irħam. Xogħlijiet bħal artali, fontijiet tal-magħmudija, Ambone, restawrazzjonijiet ta' figuri u xogħol ta' rħam; ħdimt f'diversi knejjes f'Malta, fosthom tal-Karmnu l-Belt u tal-Karmnu l-Balluta, San Publiju l-Furjana, San Franġisk il-Belt, Santa Liena f'B'Kara, is-Sacro Cuor f'Tas-Sliema u ħafna oħrajn. F'Għawdex ħdimt f'Santa Marija, iż-Żebbuġ, f'Marsalforn, ix-Xagħra, ix-Xewkija, l-Għarb, il-Katidral tar-Rabat u xi knejjes oħra. Xogħol ieħor jinsab fi djar privati u postijiet governattivi. Barra minn Malta għandi xogħlijiet fil-Ġermanja, il-Brażil, l-Ingilterra, il-Greċja, l-Eġittu, l-Isvezja, l-Awstralja, l-Amerika, l-Italja u r-Russja.

**A.S. – Liema xogħol li għamilt tħossu ta' l-akbar importanza għalik, fost dawn li semmejtli?**

R.P. – Bla dubju ta' xejn, l-akbar biċċa xogħol li għamilt s'issa hu l-artal mejda fil-Knisja taż-Żebbuġ, Għawdex, u l-kolonni ġganteski fil-Bażilika tal-Karmnu fil-Belt Valletta. L-aqwa xogħol li għandi barra minn Malta hija l-figura ta' Mosè, li tinsab f'kollezzjoni privata ġewwa l-Eġittu.

**A.S. – Meta bdejt it-taħriġ tiegħek fil-mużika?**

R.P. – Bdejt nistudja l-mużika meta kelli 10 snin. L-ewwel studjajt il-kitarra klassika u wara, fl-1966, studjajt il-vjolin fis-Soċjetà ta' l-Arti, il-Belt, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carmelo Callus. Waqt l-istudju tal-vjolin bdejt nistudja wkoll it-teorija tal-mużika u wara l-armonija.

**A.S. – Nafu li inti vjolinista fl-Orkestra tat-Teatru Manoel. Xi tgħid dwar l-esperjenza tiegħek fil-ħajja tat-teatru?**

R.P. – Fl-1971 dħalt membru residenti fl-orkestra tat-Teatru Manoel. L-esperjenza li ħadt mit-teatru swietli biex sirt naf x'inhu l-valur tal-mużika. Fost id-Diretturi li daqqejt taħt it-treġija tagħhom irrid insemmi lil Mro. Ino Savini, Mro. Zino, Mro. Renaldi, Mro. Bertoli u ħafna oħrajn. Ma' l-orkestra tal-Manoel daqqejt f'diversi opri, kunċerti, xogħlijiet sinfoniċi, u f'mużika leġġera. Waħda mill-aqwa xogħlijiet li daqqejt kienet il-Messa Di Requiem ta' Giuseppe Verdi li kienet saret fil-Kon Katidral ta' San Ġwann taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Sammut.



**Ronnie Pisani waqt xogħol fin-niċċa ta' San Publiju fil-Knisja Parrokkjali tal-Furjana.**



**Ronnie Pisani jidher jaħdem is-suffett tas-Sala ta' l-Arkivju.**

**A.S. – Kif bdiet il-ħajra tiegħek li tikkomponi l-marċijiet? Il-marċijiet tiegħek kif tħoss li jiġu milqugħa mid-dilettanti?**

R.P. – Il-festa Maltija minn dejjem ħabbejtha speċjalment il-festa ta' pajjiżi, jiġifieri ta' San Gejtanu. Minn dejjem kont nixtieq li nikteb xi marċ u fl-1980 ikkomponejt l-ewwel marċ għall-Banda San Gejtanu li kien jismu Jean James. Inħoss li għall-pubbliku ma tistax tikteb marċ bħal fil-każ tal-marċ tiegħi Karena, iżda aktar ma tikteb marċijiet li jitkantaw aktar ikun aħjar.

**A.S. – Kif ersaqt u tħabbibt ma' l-Għaqda Mużikali San Gejtanu?**

R.P. – Il-familjari tiegħi bħalma hu s-Surmast Carmelo Zammit u l-ex Surmast tal-Banda San Gejtanu Carmelo Zammit ukoll, kollha kienu membri tal-Għaqda San Gejtanu, u allura ma jistax jonqos li jiena ma nkunx membru wkoll ta' l-Għaqda.

**A.S. – Nafu li int għamilt għadd ta' xogħlijiet fil-każin. Liema jġiblek l-akbar sodisfazzjon? X'tixtieq tagħmel iktar fil-każin?**

R.P. – Xogħol fil-każin għamilt bosta, kemm dak li għadu jidher u kemm ieħor li għal xi raġuni ma jidhirx. L-aqwa xogħol li għamilt s'issa fil-każin huwa s-suffett tas-sala ta' l-arkivju. L-ambizzjoni li għandi hi li nsib iż-żmien biex nattrezza s-sala tal-gallerija. Żgur li f'din il-biċċa xogħol inħalli opra lill-Għaqda Mużikali San Gejtanu.

**A.S. – Xi tħoss meta tikteb marċ għall-Banda San Gejtanu u tara l-partitarji entużjasmati bil-mużika tiegħek, ikantaw u jifirħu bħalma ġara fil-każ tal-marċ 'L-Arkivju l-Ġdid'.**

R.P. – Il-marċ 'L-Arkivju l-Ġdid', huwa marċ klassiku u tal-widna. Nistqarr il-verità li meta nisimgħu nħossni verament emozzjonat għax l-iskop li nferraħ lil ħaddieħor inkun ilħaqtu.

**A.S. – Xi proġetti għandek għall-futur?**

R.P. – Proġetti għall-futur għandi bosta, speċjalment f'dak li hu xogħol privat. Nista' nsemmi l-artal maġġur fil-Knisja tal-Karmnu tal-Balluta biċċa xogħol li ġiet fdata f'idi u li huwa l-proġett ewlieni bħalissa f'moħħi.

**A.S. – Nirringrazzjawk u f'isimna lkoll nawgurawlek aktar suċċessi għall-futur.**

(Ronnie Pisani kien intervistat minn Anselm Sciberras )